SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

15 ta’ Settembru 2016*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Qafas regolamentari komuni għan-netwerks u servizzi ta’ komunikazzjonijiet elettroniċi — Direttiva 2002/21/KE — Artikoli 4 u 19 — Awtorità regolamentari nazzjonali — Miżuri ta’ armonizzazzjoni — Rakkomandazzjoni 2009/396/KE — Portata ġuridika — Direttiva 2002/19/KE — Artikoli 8 u 13 — Operatur ikkwalifikat bħala li jiddisponi minn saħħa sinjifikanti fis-suq — Obbligi imposti minn awtorità regolamentari nazzjonali — Kontroll tal-prezzijiet u obbligi relatati mas-sistema ta’ kontabilizzazzjoni tal-ispejjeż — Tariffi ta’ terminazzjoni ta’ telefonati fissi u ċellulari — Firxa tal-kontroll li l-qrati nazzjonali jistgħu jeżerċitaw fuq id-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet regolamentari nazzjonali”

Fil-Kawża C-28/15,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-College van Beroep voor het bedrijfsleven (qorti tal-appell għal kwistjonijiet amministrattivi fil-qasam ekonomiku, il-Pajjiżi l-Baxxi), permezz ta’ deċiżjoni tat-13 ta’ Jannar 2015, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-23 ta’ Jannar 2015, fil-proċedura

**Koninklijke KPN NV,**

**KPN BV,**

**T-Mobile Netherlands BV,**

**Tele2 Nederland BV,**

**Ziggo BV,**

**Vodafone Libertel BV,**

**Ziggo Services BV**, li kienet UPC Nederland BV,

**Ziggo Zakelijk Services BV**, li kienet UPC Business BV,

vs

**Autoriteit Consument en Markt (ACM),**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn M. Ilešič, President tal-Awla, C. Toader, A. Rosas, A. Prechal u E. Jarašiūnas (Relatur), Imħallfin,

* Lingwa tal-kawża: l-Olandiż.

Avukat Ġenerali: P. Mengozzi,

Reġistratur: L. Hewlett, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-16 ta’ Marzu 2016,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Koninklijke KPN NV u KPN BV, minn L. Mensink u C. Schillemans, avukati,

— għal T-Mobile Netherlands BV, minn B. Braeken u C. Eijberts, avukati,

— għal Tele2 Nederland BV, minn P. Burger u P. van Ginneken, avukati,

— għal Ziggo BV, minn W. Knibbeler, N. Lorjé u P. van den Berg, avukati,

— għal Vodafone Libertel BV, minn P. Waszink, avukat,

— għal Ziggo Services BV u Ziggo Zakelijk Services BV, minn W. Knibbeler, N. Lorjé u P. van den Berg, avukati,

— għall-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi, minn J. Langer u M. Bulterman, bħala aġenti,

— għall-Gvern Ġermaniż, minn T. Henze u R. Kanitz, bħala aġenti,

— għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn A. De Stefano, avvocato dello Stato,

— għall-Gvern Pollakk, minn B. Majczyna, bħala aġent,

— għall-Gvern Finlandiż, minn S. Hartikainen, bħala aġent,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn F. Wilman u G. Braun kif ukoll minn L. Nicolae, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-28 ta’ April 2016,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta’ Marzu 2002, dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta’ komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva Kwadru) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 349), kif emendata bid-Direttiva 2009/140/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta’ Novembru 2009 (ĠU 2009, L 337, p. 37) (iktar ’il quddiem id-“Direttiva Kwadru”), moqri flimkien mal-Artikoli 8 u 13 tad-Direttiva 2002/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta’ Marzu 2002, dwar l-aċċess għal, u l-interkonnessjoni ta’, networks ta’ komunikazzjonijiet elettroniċi u faċilitajiet assoċjati (Direttiva tal-Aċċess) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 323), kif emendata bid-Direttiva 2009/140 (iktar ’il quddiem id-“Direttiva dwar l-Aċċess”).

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta’ tilwima bejn minn naħa Koninklijke KPN NV, KPN BV, T-Mobile Netherlands BV, Tele2 Nederland BV, Ziggo BV, Vodafone Libertel BV, Ziggo Services BV, li kienet UPC Nederland BV, u Ziggo Zakelijk Services BV, li kienet UPC Business BV, u min-naħa l-oħra l-Autoriteit Consument en Markt (ACM) (awtorità tal-konsumaturi u tas-swieq, iktar ’il quddiem l-“ACM”) fir-rigward ta’ deċiżjoni li tiffissa limiti massimi tariffarji għas-servizzi ta’ terminazzjoni ta’ telefonati fissi u ċellulari.

## Il-kuntest ġuridiku

### *Id-dritt tal-Unjoni*

Id-Direttiva Kwadru

3 L-Artikolu 4(1) tad-Direttiva Kwadru, intitolat “Dritt ta’ appell”, huwa fformulat kif ġej:

“L-Istati Membri għandhom jiżguraw li mekkaniżmi effettivi jeżistu fil-livell nazzjonali li taħthom kull utent jew impriża li tipprovdi networks ta’ komunikazzjonijiet elettroniċi u/jew servizzi li tkun milquta b’deċiżjoni ta’ l-awtorità nazzjonali regolatorja jkollha d-dritt ta’ appell kontra d-deċiżjoni lil korp ta’ appell li jkun indipendenti mill-partijiet involuti. Dan il-korp, li jista’ jkun qorti, għandu jkollu l-ħila adattata disponibbli biex tippermettilu li jwettaq il-funzjonijiet tiegħu. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-merti tal-każ jingħata kont debitu tagħhom u li jkun hemm mekkaniżmu effettiv ta’ appell.

Sakemm jinqata’ dak l-appell, id-deċiżjoni ta’ l-awtorità għandha tibqa’ sakemm il-bord ta’ l-appell ma jiddeċidix xort’oħra.”

4 L-Artikolu 8 ta’ din id-direttiva, intitolat “Miri politiċi u prinċipji regolatorji”, jipprovdi:

“1. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li fit-twettieq tax-xogħlijiet regolatorji speċifikati f’din id-Direttiva u fid-Direttivi Speċifiċi, l-awtoritajiet nazzjonali regolatorji jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa li huma mmirati lejn il-ksib tal-miri stipulati fil-paragrafi 2, 3 u 4. Dawk il-miżuri għandhom ikunu proporzjonati ma’ dawk il-miri.

[...]

2. L-awtoritajiet nazzjonali regolatorji għandhom jippromwovu l-kompetizzjoni fil-provista tan-networks ta’ komunikazzjonijiet elettroniċi, servizzi ta’ komunikazzjonijiet elettroniċi u faċilitajiet assoċjati u servizzi billi fost ħwejjeġ oħra:

a) jiżguraw li l-utenti, nklużi utenti b’disablità, jieħu l-benefiċċju massimu f’termini ta’ għażla, prezz, u kwalità;

[...]

3. L-awtoritajiet nazzjonali regolatorji għandhom jikkontribwixxu għall-iżvilupp tas-suq intern billi fost ħwejjeġ oħra, [...]

[...]

4. L-awtoritajiet nazzjonali regolatorji għandhom jippromwovu l-interessi taċ-ċittadini ta’ l-Unjoni Ewropea billi fost ħwejjeġ oħra:

[…]"

5 L-Artikolu 16 tad-direttiva msemmija, intitolat "Proċedura ta' analiżi tas-suq", jipprovdi, fil-paragrafi 2 u 4 tiegħu:

"2. Fejn awtorità nazzjonali regolatorja hija meħtieġa [konformement mal-Artikolu] 8 tad-Direttiva 2002/19/KE (Direttiva dwar l-Aċċess) li jistabbilixxu jekk jimponux, iżommu, jemendaw jew jirtiraw obbigazzjonijiet fuq impriżi, għandha tistabbilixxi fuq il-bażi ta' l-analiżi tagħha tas-suq imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan [l-]Artikolu jekk is-suq relevanti hux effettivament kompetittiv.

[…]

4. Fejn awtorità nazzjonali regolatorja tistabbilixxi li suq relevanti mhux effettivament kompetittiv, għandha tidentifika impriżi b'saħħa sinifikanti fis-suq fuq dak is-suq skond Artikolu 14 u l-awtorità nazzjonali regolatorja għandha fuq dawk l-impriżi timponi l-obbligazzjonijiet speċifiċi adatti msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan Artikolu jew iżżomm jew temenda dawk l-obbligazzjonijiet fejn ġia jeżistu."

6 Skont l-Artikolu 19 tal-istess direttiva, intitolat "Armonizzazzjoni ta' proċeduri":

"1. […] fejn il-Kummissjoni ssib li d-diverġenzi fl-implimentazzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali regolatorji tal-kompiti regolatorji speċifikati f'din id-Direttiva u d-Direttivi Speċifiċi jistgħu joħolqu barriera għas-suq intern, il-Kummissjoni tista', wara li tieħu kont sħiħ tal-opinjoni tal-[korp tar-regolaturi Ewropej tal-komunikazzjonijiet elettroniċi (BEREC)],, toħroġ rakkomandazzjoni jew deċiżjoni dwar l-applikazzjoni armonizzata tad-dispożizzjonijiet f'din id-Direttiva u fid-Direttivi Speċifiċi sabiex ikomplu jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 8.

2. […]

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jieħdu kont sħiħ ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet fit-twettiq tal-kompiti tagħhom. Fejn awtorità nazzjonali regolatorja tagħżel li ma ssegwix rakkomandazzjoni, għandha tinforma lill-Kummissjoni u tagħti r-raġunijiet għall-pożizzjoni tagħha.

[…]"

Id-Direttiva dwar l-Aċċess

7 Skont il-premessa 20 tad-Direttiva dwar l-Aċċess:

"Il-kontroll tal-prezzijiet jista' jkun meħtieġ meta l-analiżi tas-suq f'suq partikolari juri kompetizzjoni ineffiċjenti. […] Il-metodu għall-irkupru ta l-ispejjeż għandu jkun adatt għaċ-ċirkostanzi waqt li jittieħed kont tal-ħtieġa li tiġi mħeġġa l-effiċjenza u l-kompetizzjoni sostenibbli u li jkunu massimizzzati l-benefiċċji għall-konsumatur."

8 L-Artikolu 1 ta' din id-direttiva huwa fformulat kif ġej:

"1. Fi ħdan il-qafas stipulat fid-Direttiva 2002/21/KE (Direttiva Kwadru), din id-Direttiva tarmonizza l-mod li bih l-Istati Membri jirregolaw l-aċċess għal, u l-interkonnessjoni ma', networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u faċilitajiet assoċjati. L-għan huwa li jiġi stabbilit qafas regolatorju, skond il-prinċipji tas-suq intern, għar-relazzjonijiet bejn il-fornituri ta' networks u servizzi li ser jirriżultaw f'kompetizzjoni sostenibbli, interoperabilità ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u benefiċċji għall-konsumatur.

2. Din id-Direttiva […] [t]istabbilixxi l-miri għall-awtoritajiet regolatorji nazzjonali nazzjonali fir-rigward ta' l-aċċess u l-interkonnessjoni, u tistipula l-proċeduri biex tiżgura li l-obbligi imposti mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali nazzjonali jiġu riveduti […].”

9 L-Artikolu 5 tal-imsemmija direttiva, intitolat “Setgħat u responsabbiltajiet ta' l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali fir-rigward ta' aċċess u interkonnessjoni”, jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

“L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom, waqt li jaġixxu biex jilħqu l-miri stipulati f'Artikolu 8 tad-[Direttiva Kwadru], iħeġġu u fejn xieraq jiżguraw, skond id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, aċċess u interkonnessjoni adegwati, u interoperabilità ta' servizzi, waqt li jeżerċitaw ir-responsabbiltà tagħhom b'mod li jippromwovi l-effiċjenza, il-kompetizzjoni sostenibbli, u jagħtu l-benefiċċju massimu lill-utenti finali.

[…]”

10 L-Artikolu 8 tal-istess direttiva, bit-titolu “Impożizzjoni, emendar jew irtirar ta' l-obbligi”, jipprevedi:

“1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jkollhom is-setgħa li jimponu l-obbligi identifikati f'Artikoli 9 sa 13.

2. Fejn operatur huwa identifikat bħala li jkollu saħħa tas-suq sinjifikanti f'suq speċifiku bħala riżultat ta' l-analiżi tas-suq imwettaq skond Artikolu 16 tad-[Direttiva Kwadru], l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jimponu l-obbligi stipulati f'Artikoli 9 sa 13 ta' din id-Direttiva kif xieraq.

[…]

4. L-obbligi imposti skond dan Artikolu għandhom ikunu bbażati fuq in-natura tal-problema identifikata, proporzjonati u ġustifikati fid-dawl tal-miri stipulati f'Artikolu 8 tad-[Direttiva Kwadru]. Dawn l-obbligi għandhom ikunu imposti biss wara konsultazzjoni skond Artikoli 6 u 7 ta' dik id-Direttiva.

[…]”

11 L-Artikolu 13(1) tad-Direttiva dwar l-Aċċess, intitolat “Kontroll tal-prezzijiet u obbligi ta' kontabilità ta' l-ispejjeż”, huwa fformulat kif ġej:

“1. L-awtorità regolatorja nazzjonali tista', skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8, timponi obbligi rigward l-irkupru tal-ispejjeż u l-kontrolli tal-prezzijiet, inklużi obbligi rigward l-orjentazzjoni tal-prezzijiet rigward l-ispejjeż u l-obbligi li jikkonċernaw is-sistemi ta' kontabilità tal-ispejjeż, għall-forniment ta' tipi speċifiċi ta' interkonnessjoni u/jew aċċess, f'sitwazzjonijiet fejn analiżi tas-suq tindika li n-nuqqas ta' kompetizzjoni effettiva jfisser li l-operatur ikkonċernat jista' jsofri prezzijiet f'livell eċċessivament għoli, jew jikkumpressal-prezzijiet, għad-detriment tal-utenti finali. Sabiex jiġu inkoraġġuti l-investimenti magħmulin mill-operatur inklużi fin-netwerks tal-ġenerazzjoni li jmiss, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jieħdu kont tal-investiment magħmul mill-operatur u jippermettulu rata raġonevoli ta' qligħ fuq il-kapital adegwat investit, b'kont meħud ta' kwalunkwe riskju speċifiku għal proġett tan-netwerk tal-investiment ġdid partikolari.

2. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jiżguraw li kull mekkaniżmu ta' rkupru ta' l-ispejjeż jew metodoloġija ta' l-iffissar tal-prezzijiet li jkun obbligatoru jservi biex jippromwovi l-effiċjenza u l-kompetizzjoni sostenibbli u jimmassimizza l-benefiċċji għall-konsumatur. F'dan ir-rigward l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jistgħu wkoll jieħdu kont tal-prezzijiet disponibbli fi swieq kompetittivi komparabbli.

[…]”

Ir-Rakkomandazzjoni 2009/396/KE

12 Skont il-premessi 5, 7 u 13 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2009/396/KE, tas-7 ta' Mejju 2009, dwar it-Trattament Regolatorju tar-Rati ta' Terminazzjoni ta' Telefonati Fissi u Ċellulari fl-UE (ĠU 2009, L 124, p. 67):

"(5) Ċerti dispożizzjonijiet tal-qafas regolatorju għal netwerks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jeħtieġu li jiġu implimentati mekkaniżmi ta' kontabilità tal-ispejjeż neċessarji u xierqa u obbligi għall-kontroll tal-prezzijiet, jiġifieri l-Artikoli 9, 11 u 13 flimkien mal-Premessa 20 tad-Direttiva ["Aċċess"] […].

[…]

(7) It-terminazzjoni bl-ingrossa tat-telefonati bil-vuċi hija servizz meħtieġ għat-terminazzjoni ta' telefonati lil siti (f'netwerks fissi) jew lil abbonati (f'netwerks ċellulari) li jirċievu t-telefonata. Is-sistema ta' ħlas fl-[Unjoni Ewropea] hija bbażata fuq il-prinċipju li 'Tħallas in-Netwerk tal-Parti li Tagħmel it-Telefonata' (Calling Party Network Pays), li jfisser li l-ħlas ta' terminazzjoni jiġi stabbilit min-netwerk li tirċievi t-telefonata u jitħallas min-netwerk li tagħmel it-telefonata. Il-parti li tirċievi t-telefonata ma tħallasx għal dan is-servizz, u ġeneralment m'għandha ebda inċentiv li tirreaġixxi għall-prezz ta' terminazzjoni stabbilit mill-fornitur tan-netwerk tagħha. F'dan il-kuntest, it-tħassib ewlieni tal-awtoritajiet regolatorji mill-aspett ta' kompetizzjoni jirrigwarda l-prezzijiet eċċessivi. Prezzijiet ta' terminazzjoni għaljin fl-aħħar mill-aħħar jiġu rkuprati permezz ta' tariffi ogħla tat-telefonati għall-utenti finali. Jekk wieħed iqis in-natura tal-aċċess b'żewġ possibbiltajiet tas-swieq ta' terminazzjoni, problemi potenzjali oħra ta' kompetizzjoni jinkludu l-kontrosussidjar bejn l-operaturi. Dawn il-problemi potenzjali ta' kompetizzjoni huma komuni kemm għas-swieq tat-terminazzjoni tat-telefonati fissi kif ukoll dawk ċellulari. Għalhekk, fid-dawl tal-kapaċità u l-inċentivi tal-operaturi li jipprovdu s-servizz ta' terminazzjoni li jgħollu l-prezzijiet sostanzjalment ogħla mill-ispejjeż, l-orjentazzjoni tal-ispejjeż titqies bħala l-intervent l-aktar adattat biex jiġi indirizzat dan it-tħassib f'tul ta' żmien medju. Il-Premessa 20 tad-Direttiva 2002/19/KE tinnota li l-metodu tal-irkupru tal-infiq għandu jkun adattat għaċ-ċirkustanzi partikolari. Fid-dawl tal-karatteristiċi speċifiċi tas-swieq ta' terminazzjoni u t-tħassib assoċjat ta' kompetizzjoni u ta' distribuzzjoni, il-Kummissjoni għal ħafna żmien irrikonoxxiet li jekk jiġi stabbilit approċċ komuni msejjes fuq standard effiċjenti ta' spejjeż u fuq l-applikazzjoni ta' rati simetriċi ta' terminazzjoni, dan jippromwovi l-effiċjenza, il-kompetizzjoni sostenibbli u jimmassimizza l-benefiċċji għall-konsumaturi f'termini ta' prezzijiet u tas-servizzi offruti.

[…]

(13) Meta wieħed iqis il-karatteristiċi partikolari tas-swieq ta' terminazzjoni tat-telefonati l-ispejjeż tas-servizzi ta' terminazzjoni għandhom jiġu kkalkolati fuq spejjeż inkrementali li jħarsu 'il quddiem fuq medda ta' żmien twil (LRIC). […]"

13 Il-punti 1 u 2 tar-Rakkomandazzjoni 2009/396 huma redatti kif ġej:

"1. Meta jiġu imposti obbligi dwar kontroll ta' prezzijiet u dwar kontabilità tal-ispejjeż skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2002/19/KE fuq l-operaturi nnominati mill-Awtorijijiet Regolatorji Nazzjonali ([ARN]) li jkollhom setgħa sinifikanti fis-suq fis-swieq ta' terminazzjoni bl-ingrossa ta' telefonati bil-vuċi fin-netwerks pubbliċi individwali tat-telefonija (minn hawn 'il quddiem imsejħa 'swieq ta' terminazzjoni fissi u ċellulari') bħala riżultat ta' analiżi tas-swieq li twettqet skont l-Artikolu 16 tad-Direttiva [Kwadru], l-[ARN] għandhom jiffissaw rati ta' terminazzjoni bbażati fuq l-ispejjeż li jkollu operatur effiċjenti. Dan jimplika li huma wkoll jridu jkunu simetriċi. Biex jagħmlu dan, l-[ARN] għandhom jipproċedu kif jidher hawn taħt.

2. Huwa rakkomandat li l-evalwazzjoni ta' spejjeż effiċjenti tkun ibbażata fuq l-ispejjeż kurrenti u l-użu tal-approċċ ta' mudell axxendenti bl-applikazzjoni tal-ispejjeż inkrementali fuq medda ta' żmien twil (LRIC) bħala l-metodoloġija rilevanti tal-ispejjeż."

*Id-dritt Olandiż*

14 L-Artikolu 1.3(1) tat-Telecommunicatiewet (liġi fuq it-telekomunikazzjonijiet) fil-verżjoni applikabbli għall-fatti fil-kawża prinċipali, jipprovdi:

"1. L-[ACM] għandha tiżgura li d-deċiżjonijiet tagħha jikkontribwixxu sabiex jintlaħqu l-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 8(2) sa (5) tad-[Direttiva Kwadru], f'kull każ permezz:

a. tal-promozzjoni tal-kompetizzjoni fil-provvista tan-netwerks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, tas-servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew tar-riżorsi assoċjati magħhom, b'mod partikolari billi ssostni l-investimenti effikaċi fil-qasam ta' infrastruttura u l-innovazzjonijiet;

b. tal-iżvilupp tas-suq intern;

c. tas-sostenn tal-interessi tal-utenti finali f'termini ta' għażla, ta' prezz u ta' kwalità."

15 L-Artikolu 1.3(2) u (3) tal-Liġi fuq it-Telekomunikazzjonijiet jipprovdi li, fl-eżerċizzju tal-kompiti u tal-kompetenzi tagħha l-ACM għandha tieħu kont sħiħ tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea msemmija fl-Artikolu 19(1) tad-Direttiva Kwadru. Jekk l-ACM ma tapplikax rakkomandazzjoni, hija għandha tinforma lill-Kummissjoni u tikkomunikalha r-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha.

16 Din il-liġi tindika, fl-Artikolu 6a.1 tagħha, li, bħala ARN, l-ACM għandha tiddefinixxi s-swieq rilevanti fis-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi. Sabiex tagħmel hekk, skont l-Artikolu 6a.1(5) ta' din il-liġi, l-ACM għandha tiddetermina jekk is-suq inkwistjoni huwiex effettivament kompetittiv jew le. Jekk dan ma jkunx il-każ, skont l-Artikolu 6a.2 tal-imsemmija liġi, l-ACM għandha tiddetermina jekk impriża waħda jew iktar għandhomx saħħa sinjifikattiva fis-suq kif ukoll l-obbligi xierqa li għandhom jiġu imposti fuqhom.

17 L-Artikolu 6a.2(3) tal-Liġi dwar it-telekomunikazzjonijiet jipprovdi li:

"Obbligu msemmi fil-paragrafu 1 huwa adegwat jekk ikun ibbażat fuq in-natura tal-problema kkonstatata fis-suq ikkonċernat u jekk huwa proporzjonat u ġġustifikat fid-dawl tal-għanijiet tal-Artikolu 1.3."

18 Skont l-Artikolu 6a.7 ta' din il-liġi:

"1. Konformement mal-Artikolu 6a.2(1), għall-forom ta' aċċess li għandha tiddetermina, l-[ACM] tista' timponi obbligu li jirrigwarda l-kontroll tat-tariffi kkalkolati iktar 'il quddiem jew il-kalkolu tal-ispejjeż meta analiżi tas-suq tindika li l-operatur ikkonċernat jista', fl-assenza ta' kompetizzjoni effettiva, iżomm il-prezzijiet fuq livell għoli żżejjed, jew jista' jikkompressa l-marġni, fiż-żewġ każijiet għad-detriment tal-utenti finali. L-[ACM] tista' tapplika regoli neċessarji għall-implementazzjoni xierqa tal-obbligu.

2. Obbligu msemmi fil-paragrafu 1 jista' jipprovdi sabiex jissuġġetta l-aċċess għal tariffa ta' aċċess orjentata b'rabta mal-ispejjeż jew mal-applikazzjon ta' sistema ta' kalkolu tal-ispejjeż iddefiniti jew approvati mill-[ACM].

3. Fejn l-[ACM] tkun imponiet fuq impriża obbligu ta' orjentament tal-prezz b'rabta mal-ispejjeż, din l-impriża għandha turi li l-prezzijiet tagħha jkunu effettivament iddeterminati skont l-ispejjeż.

4. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tat-tieni sentenza tal-paragrafu 1, l-[ACM] tista' torbot l-obbligu ta' stabbiliment ta' sistema ta' kontabbiltà tal-ispejjeż ma' miżuri li jirrigwardaw il-preżentazzjoni tar-riżultati tal-applikazzjoni tas-sistema mill-impriża li fuqha huwa impost dan l-obbligu [...]"

## Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

19 Fil-kuntest ta' proċedura preċedenti għal dik li wasslet għall-kawża prinċipali, l-Onafhankelijke Post en Telecommunicatie Autoriteit (OPTA) (Awtorità indipendenti tal-posta u telekomunikazzjonijiet), illum l-ACM u li għandha l-kwalità ta' ARN fil-Pajjiżi l-Baxxi fis-sens tad-Direttiva Kwadru, b'deċiżjoni tas-7 ta' Lulju 2010, wara li wettqet analiżi tas-swieq rilevanti, imponiet fuq operaturi identifikati bħala li għandhom saħħa sinjifikanti fis-swieq tat-terminazzjoni ta' telefonati fissi u ċellulari fil-Pajjiżi l-Baxxi miżuri tariffarji li jsegwu l-metodu ta' kalkolu tal-ispejjeż imsejjaħ "Bulric strett" (*Bottom-Up Long-Run Incremental Costs*, iktar 'il quddiem il-"mudell 'Bulric strett'"), skont liema jiġu rrimborsati l-ispejjeż differenzjali biss. Fil-31 ta' Awwissu 2011, il-qorti tar-rinviju, il-College van Beroep voor het bedrijfsleven (qorti tal-appell għal kwistjonijiet amministrattivi fil-qasam ekonomiku, il-Pajjiżi l-Baxxi), annullat din id-deċiżjoni għar-raġuni li kellu jiġi applikat mudell ieħor ta' kalkolu tal-ispejjeż, li kien jieħu inkunsiderazzjoni numru ta' spejjeż ikbar milli l-mudell "Bulric strett", jiġifieri l-mudell "Bulric plus".

20 Sussegwentement, wara li kkonstatat li fis-suq bl-ingrossa tas-servizzi ta' terminazzjoni ta' telefonati fissi u ċellulari kien jeżisti riskju ta' tariffi eċċessivament għoli u ta' kompressjoni tal-prezzijiet, l-ACM adottat, fil-5 ta' Awwissu 2013, deċiżjoni li biha din, konformement mal-leġiżlazzjoni tal-Pajjiżi l-Baxxi li tittrasponi l-Artikoli 8 u 13 tad-Direttiva dwar l-Aċċess u r-Rakkomandazzjoni 2009/396, iffissat limiti massimi tariffarji għall-provvista ta' dawn is-servizzi, billi applikat il-mudell "Bulric strett". Din l-awtorità qieset li dan il-mudell kien adegwat sabiex jiġu ddeterminati t-tariffi ta' terminazzjoni ta' telefonati orjentati skont l-ispejjeż u li dan kien, skont din ir-rakkomandazzjoni, l-uniku metodu ta' orjentament tal-prezzijiet konformi mad-dritt tal-Unjoni. Skont din l-awtorità, miżura tariffarja stabbilita fuq dan il-mudell ta' kalkolu tevita r-riskju ta' tariffi eċċessivament għolja u ta' kompressjoni tal-prezzijiet filwaqt li tiffavorixxi l-kompetizzjoni, l-iżvilupp tas-suq intern u l-interessi tal-utenti finali.

21 Koninklijke KPN, KPN, T-Mobile Netherlands, Tele2 Nederland, Ziggo, Vodafone Libertel, Ziggo Services u Ziggo Zakelijk Services, li huma operaturi li jipprovdu, b'mod partikolari, servizzi ta' terminazzjoni ta' telefonati mobbli, ippreżentaw rikors għal annullament kontra d-deċiżjoni tal-ACM tal-5 ta' Awwissu 2013 quddiem il-qorti tar-rinviju. Din tal-aħħar, li tressqu quddiemha talbiet għal miżuri provviżorji, issospendiet l-eżekuzzjoni ta' din id-deċiżjoni permezz ta' digriet tas-27 ta' Awwissu 2013.

22 Fil-kuntest tar-rikors tagħhom, Koninklijke KPN, KPN, T-Mobile Netherlands u Vodafone Libertel isostnu li obbligu tariffarju ddeterminat skont il-metodu "Bulric strett" imur kontra l-Artikolu 6a.2(3) u l-Artikolu 6a.7(2) tal-Liġi fuq it-Telekomunikazzjonijiet, li jipprovdu rispettivament li tariffa għandha tkun orjentata skont l-ispejjeż u li obbligu impost mill-ACM għandu jkun xieraq.

23 Dawn l-impriżi josservaw li l-affermazzjonijiet kollha tal-ACM dwar l-effetti pożittivi mistennija mill-applikazzjoni tal-metodu "Bulric strett" fuq l-istruttura tariffarja f'suq bl-imnut ma jistgħux jiġġustifikaw l-impożizzjoni ta' obbligi tariffarji bħal dawk li huma imposti fuqhom skont id-deċiżjoni tal-5 ta' Awwissu 2013. Skont dawn, il-prezzijiet iddeterminati skont il-metodu msemmi għandhom l-effett li t-tariffi ta' terminazzjoni ta' telefonati jkunu inferjuri għal dawk li jinkisbu f'suq kompetittiv. Għaldaqstant, ir-Rakkomandazzjoni 2009/396 ma hijiex konformi mal-Artikolu 13 tad-Direttiva dwar l-Aċċess. Barra minn hekk, l-impriżi msemmija jqisu li dawn l-obbligi tariffarji, peress li ma humiex proporzjonati fir-rigward tal-għanijiet tad-deċiżjoni tal-ACM, huma b'mod partikolari kuntrarji għall-Artikolu 6a.2(3) tal-Liġi fuq it-Telekomunikazzjonijiet.

24 Il-qorti tar-rinviju tindika li l-kliem tal-Artikolu 6a.7(2) tal-Liġi fuq it-Telekomunikazzjonijiet ma jippermettix li tiġi ssostanzjata l-interpretazzjoni li tgħid li tista' tiġi imposta forma ta' regolamentazzjoni tariffarja skont il-mudell "Bulric strett" li tmur lil hinn minn regolamentazzjoni tal-prezzijiet inqas stretta skont il-mudell "Bulric plus" li diġà hija orjentata skont l-ispejjeż.

25 Madankollu, din il-qorti tqis li l-ACM tista' tiġi awtorizzata timponi obbligu tariffarju iktar strett jekk dan ikun proporzjonat u ġġustifikat, fid-dawl tan-natura tal-problema kkonstatata fis-swieq ikkonċernati u jekk ifittex l-għanijiet iddefiniti fl-Artikolu 8(2) sa (4) tad-Direttiva Kwadru. Fl-impożizzjoni ta' tali obbligi, l-ACM għandha, skont il-qorti tar-rinviju, teżamina jekk l-obbligu tariffarju kkonċernat huwiex xieraq sabiex jintlaħaq l-għan imfittex u jekk imurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ għal dan l-għan. Barra minn hekk, din l-awtorità għandha tagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha u tibbilanċja l-interessi kollha kkonċernati.

26 Madankollu, il-qorti tar-rinviju tqis li jeżisti dubju fir-rigward tal-eżattezza ta' tali interpretazzjoni. Minn naħa, hija tistaqsi dwar l-interessi li jistgħu jew għandhom jiġu bbilanċjati kif ukoll fuq il-piż li jista' jew li għandu jingħata lil kull wieħed minn dawn l-interessi fl-okkażjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjoni tal-ACM ikkontestata quddiemha u, min-naħa l-oħra, fuq l-importanza li din il-qorti għandha tagħti, fil-kawża pendenti quddiemha, għall-fatt li l-Kummissjoni rrakkomandat l-użu tal-mudell "Bulric strett" fir-Rakkomandazzjoni 2009/396 għall-adozzjoni ta' miżura tariffarja xierqa fis-swieq bil-grossa tat-terminazzjoni ta' telefonati fissi u ċellulari.

27 Kien f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-College van Beroep voor het bedrijfsleven (qorti tal-appell għal kwistjonijiet amministrattivi fil-qasam ekonomiku) ddeċieda li jissospendi l-kawża quddiemu u li jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 4(1) tad-Direttiva Kwadru moqri flimkien mal-Artikoli 8 u 13 tad-Direttiva dwar l-Aċċess, għandu jiġi interpretat fis-sens li qorti nazzjonali li quddiemha titressaq kawża dwar il-legalità ta' tariffa li hija orjentata lejn [skont] l-ispejjeż imposta mill-[ARN] fis-suq bl-ingrossa tat-terminazzjoni ta' telefonati, tista' fil-prinċipju ma ssegwix ir-Rakkomandazzjoni [2009/396], li tirrakkomanda [l-metodu "Bulric strett"] inkwantu miżura xierqa ta' regolamentazzjoni tal-prezzijiet fis-swieq tat-terminzazzjoni ta' telefonati, jekk hija tikkunsidra li l-punti ta' fatt tal-każ li tressaq quddiemha u/jew kunsiderazzjonijiet ta' dritt nazzjonali u internazzjonali jimponu dan?

2) F'każ ta' risposta affermattiva għall-ewwel domanda: sa fejn il-qorti nazzjonali tista', fil-kuntest tal-eżami ta' miżura tariffarja orjentata lejn [skont] l-ispejjeż:
   a) teżamina [tiddetermina], fir-rigward tal-Artikolu 8(3) tad-Direttiva Kwadru l-argument tal-ARN li l-iżvilupp tas-suq intern huwa ffavorizzat, billi tittieħed inkunsiderazzjoni l-portata tal-influwenza effettiva fuq il-funzjonament tas-suq intern?
   b) teżamina, fir-rigward tal-għanijiet politiċi u tal-prinċipji regolatorji ffissati fl-Artikolu 8 tad-Direttiva Kwadru u fl-Artikolu 13 tad-Direttiva tal-Aċċess, jekk il-miżura tariffarja:
      i) hijiex proporzjonali;
      ii) hijiex xierqa;
      iii) hijiex applikata proporzjonalment u hijiex iġġustifikata?
   c) teħtieġ mill-ARN li turi b'mod suffiċjenti:
      i) li l-għan politiku msemmi fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva Kwadru li skont dan l-ARN għandhom jippromwovu l-kompetizzjoni fil-provvista tan-networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u tas-servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, huwa effettivament imwettaq u li l-utenti effettivament jieħdu benefiċċju massimu f'termini ta' għażla, ta' prezz u ta' kwalità;
      ii) li l-għan politiku msemmi fl-Artikolu 8(3) tad-Direttiva Kwadru, li huwa li jikkontribwixxi għall-iżvilupp tas-suq intern, huwa effettivament imwettaq; u
      iii) li l-għan politiku msemmi fl-Artikolu 8(4) tad-Direttiva Kwadru, li huwa li jsostni l-interessi taċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea, huwa effettivament imwettaq?

d) fid-dawl tal-Artikolu 16(3) tad-Direttiva Kwadru u tal-Artikolu 8(2) u (4) tad-Direttiva dwar l-Aċċess, tieħu inkunsiderazzjoni, sabiex jiġi stabbilit jekk din hijiex miżura tariffarja xierqa, tal-fatt li din il-miżura ġiet imposta f'suq li fih l-impriżi rregolati jżommu setgħa fis-suq kunsiderevoli iżda li, fil-forma magħżula [il-mudell 'Bulric strett'], huwa f'suq ieħor, li ma jistax jiġi regolamentat, li hija intiża li tippromwovi wieħed mill-għanijiet tad-Direttiva Kwadru, jiġifieri l-interessi tal-utenti finali?"

**Fuq id-domandi preliminari**

*Fuq l-ewwel domanda*

28 Bl-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva Kwadru, moqri flimkien mal-Artikoli 8 u 13 tad-Direttiva dwar l-Aċċess, għandux jiġi interpretat fis-sens li qorti nazzjonali li quddiemha titressaq kawża dwar il-legalità ta' obbligu tariffarju impost mill-[ARN] għall-provvista tas-servizzi ta' terminazzjoni ta' telefonati fissi u ċellulari, tistax tinjora r-Rakkomandazzjoni 2009/396 li tagħti preċedenza lill-mudell "Bulric strett" bħala miżura xierqa għar-regolamentazzjoni tal-prezzijiet fis-suq tat-terminazzjoni tat-telefonati.

29 Fir-rigward tal-Artikoli 8 u 13 tad-Direttiva dwar l-Aċċess, għandu jiġi osservat li l-ewwel minn dawn l-Artikoli jipprovdi, fil-paragrafu 2 tiegħu, li meta, wara analiżi tas-suq imwettqa konformement mal-Artikolu 16 tad-Direttiva Kwadru, operatur jiġi identifikat bħala li jkollu saħħa tas-suq sinjifikanti f'suq speċifiku bħala riżultat tal-, l-ARN għandhom jimponu l-obbligi elenkati fl-Artikoli 9 sa 13 tad-Direttiva dwar l-Aċċess skont il-każ.

30 L-Artikolu 13(1) tad-Direttiva dwar l-Aċċess jipprovdi, min-naħa tiegħu, li l-ARN jistgħu, konformement mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tal-istess direttiva, jimponu obbligi li jirrelataw mal-irkupru tal-ispejjeż u mal-kontrolli tal-prezzijiet, inklużi obbligi għall-orjentazzjoni tal-prezzijiet skont l-ispejjeż u l-obbligi li jikkonċernaw is-sistemi ta' kontabbiltà tal-ispejjeż, għall-forniment ta' tipi speċifiċi ta' interkonnessjoni u/jew aċċess, f'sitwazzjonijiet fejn analiżi tas-suq tindika li fin-nuqqas ta' kompetizzjoni effettiva, l-operatur ikkonċernat jista' jżomm il-prezzijiet f'livell eċċessivament għoli, jew jikkompressa l-prezzijiet, għad-detriment tal-utenti finali.

31 Minn qari flimkien tal-Artikolu 8(2) u tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva dwar l-Aċċess jirriżulta li, meta wara analiżi tas-suq magħmula konformement mal-Artikolu 16 tad-Direttiva Kwadru, operatur jiġi identifikat bħala li għandu setgħa sinjifikanti f'suq partikolari, l-ARN tista', skont il-każ, timponi fuq "obbligi li jirrelataw mal-irkupru ta' l-ispejjeż u l-kontrolli tal-prezzijiet, inklużi obbligi għall-orjentazzjoni tal-prezzijiet għall-ispejjeż u obbligi li jikkonċernaw sistemi ta' kontabbiltà ta' l-ispejjeż, għall-forniment ta' tipi speċifiċi ta' interkonnessjoni u/jew aċċess".

32 Għall-finijiet tal-implementazzjoni tal-Artikolu 13 tad-Direttiva dwar l-Aċċess, ir-Rakkomandazzjoni 2009/396 tagħti preferenza lil mudell ta' kalkolu tal-ispejjeż, jiġifieri l-mudell "Bulric strett". Skont il-premessi 5, 7 u 13 ta' din ir-rakkomandazzjoni, din ġiet adottata sabiex jintemmu d-diverġenzi u d-distorsjonijiet fi ħdan l-Unjoni fis-swieq tat-terminazzjoni ta' telefonati fissi u ċellulari, li jippreġudikaw il-kompetizzjoni effettiva u lill-utenti finali kif ukoll fid-dawl tal-karatteristiċi partikolari tas-suq tat-terminazzjoni tat-telefonati.

33 Skont il-punt 1 tar-Rakkomandazzjoni 2009/396, meta l-ARN jimponu obbligi dwar kontroll ta' prezzijiet u dwar kontabbiltà tal-ispejjeż, konformement mal-Artikolu 13 tad-Direttiva dwar l-Aċċess, fuq l-operaturi identifikati bħala li jkollhom setgħa sinjifikanti fis-swieq ta' terminazzjoni bl-ingrossa ta' telefonati fissi u ċellulari bħala riżultat ta' analiżi tas-swieq li twettqet konformement

mal-Artikolu 16 tad-Direttiva Kwadru, l-ARN għandhom jiffissaw tariffi ta' terminazzjoni ta' telefonati bbażati fuq l-ispejjeż li jkollu operatur effiċjenti. Biex jagħmlu dan, l-ARN għandhom jipproċedu bil-mod deskritt f'din ir-rakkomandazzjoni.

34 Madankollu, għandu jitfakkar li bħala prinċipju, konformement mal-Artikolu 288 TFUE, tali rakkomandazzjoni ma għandhiex natura vinkolanti. Barra minn hekk, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(2) tad-Direttiva Kwadru jawtorizza espliċitament lill-ARN biex jinjoraw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni adottati abbażi tal-Artikolu 19(1) tad-Direttiva Kwadru, bil-kundizzjoni li jinformaw lill-Kummissjoni b'dan u li jikkomunikawlha l-motivazzjoni tal-pożizzjoni tagħhom.

35 Minn dan jirriżulta li l-ARN, fl-adozzjoni ta' deċiżjoni li biha din timponi obbligi tariffarji fuq l-operaturi abbażi tal-Artikoli 8 u 13 tad-Direttiva dwar l-Aċċess, ma hijiex marbuta bir-Rakkomandazzjoni 2009/396.

36 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li, fl-eżerċizzju ta' dawn il-funzjonijiet ta' regolamentazzjoni, l-ANR jiddisponu minn setgħa wiesgħa, sabiex ikunu jistgħu jevalwaw il-bżonn ta' regolamentazzjoni ta' suq skont kull sitwazzjoni każ b'każ (sentenza tat-3 ta' Diċembru 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, C-424/07, EU:C:2009:749, punt 61 u l-ġurisprudenza ċċitata). Dan japplika fil-kuntest tal-kontroll tal-prezzijiet, peress li l-premessa 20 tad-Direttiva dwar l-Aċċess tipprovdi li l-metodu għall-irkupru tal-ispejjeż għandu jkun adatt għaċ-ċirkustanzi, waqt li jittieħed kont tal-ħtieġa li tiġi mħeġġa l-effettività u kompetizzjoni sostenibbli u li jkunu massimizzati l-benefiċċji għall-konsumatur.

37 Madankollu, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(2) tad-Direttiva Kwadru jeżiġi li l-ANR, fit-twettiq tal-inkarigi tagħhom, għandhom "jieħdu kont sħiħ" tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni.

38 Għalhekk, hija l-ARN, meta timponi obbligi ta' kontroll tal-prezzijiet u ta' kontabilizzazzjoni tal-ispejjeż konformement mal-Artikolu 13 tad-Direttiva dwar l-Aċċess, li għandha ssegwi, bħala prinċipju, l-indikazzjonijiet li jinsabu fir-Rakkomandazzjoni 2009/396. Huwa biss jekk jidhrilha, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tagħha ta' sitwazzjoni partikolari, li l-mudell "Bulric strett" li jingħata preċedenza minn din ir-rakkomandazzjoni ma huwiex adattat għaċ-ċirkustanzi li hija tista' tinjorah filwaqt li tagħti raġunijiet għall-pożizzjoni tagħha.

39 F'dak li jikkonċerna l-firxa tal-istħarriġ ġudizzjarju ta' deċiżjoni tal-ARN, mill-Artikolu 4(1) tad-Direttiva Kwadru jirriżulta li d-dritt għal azzjoni legali żgurat minn din id-dispożizzjoni għandu jkun ibbażat fuq mekkaniżmu ta' rimedju effettiv li jippermetti li l-mertu tal-każ jittieħed inkunsiderazzjoni debitament. Barra minn hekk, din id-dispożizzjoni tippreċiża li l-korp kompetenti li jisma' tali azzjoni, li jista' jkun qorti, għandu jkollu l-kompetenzi xierqa għall-eżerċizzju effettiv tal-funzjonijiet tiegħu.

40 B'hekk, meta jkollha quddiemha tilwima dwar il-legalità ta' obbligu tariffarju impost mill-ARN b'applikazzjoni tal-Artikoli 8 u 13 tad-Direttiva dwar l-Aċċess, qorti nazzjonali tista' ma ssegwix ir-Rakkomandazzjoni 2009/396.

41 Madankollu, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, għalkemm ir-rakkomandazzjonijiet ma humiex intiżi li jipproduċu effetti vinkolanti, il-qrati nazzjonali huma marbuta li jieħdu inkunsiderazzjoni r-rakkomandazzjonijiet sabiex jiddeċiedu l-kawżi li jitressqu quddiemhom, b'mod partikolari meta huma jiċċaraw l-interpretazzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali adottati bil-għan li jimplementawhom jew meta l-għan tagħhom ikun li jikkomplementaw dispożizzjonijiet tal-Unjoni ta' natura vinkolanti (sentenza tal-24 ta' April 2008, Arcor, C-55/06, EU:C:2008:244, punt 94 u l-ġurisprudenza ċċitata).

42 Konsegwentement, fil-kuntest tal-istħarriġ ġudizzjarju tagħha ta' deċiżjoni tal-ARN adottata abbażi tal-Artikoli 8 u 13 tad-Direttiva dwar l-Aċċess, qorti nazzjonali tista' biss tinjora r-Rakkomandazzjoni 2009/396 jekk, hekk kif qal l-Avukat Ġenerali fil-punt 78 tal-konklużjonijiet tiegħu, din tqis li motivi marbuta maċ-ċirkustanzi tal-każ, b'mod partikolari mal-karatteristiċi speċifiċi tas-suq tal-Istat Membru inkwistjoni, jeħtieġu dan.

43 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha msemmija iktar 'il fuq, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li, l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva Kwadru, moqri flimkien mal-Artikoli 8 u 13 tad-Direttiva dwar l-Aċċess, għandu jiġi interpretat fis-sens li qorti nazzjonali, li quddiemha titressaq kawża dwar il-legalità ta' obbligu tariffarju impost mill-ARN għall-provvista tas-servizzi ta' terminazzjoni ta' telefonati fissi u ċellulari, tista' biss tinjora r-Rakkomandazzjoni 2009/396 li tagħti preċedenza lill-mudell "Bulric strett" bħala miżura xierqa għar-regolamentazzjoni tal-prezzijiet fis-suq tat-terminazzjoni tat-telefonati jekk din tqis li motivi marbuta maċ-ċirkustanzi tal-każ, b'mod partikolari mal-karatteristiċi speċifiċi tas-suq tal-Istat Membru inkwistjoni, jeħtieġu dan.

*Fuq it-tieni domanda*

44 Bit-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk id-dritt tal-Unjoni għandux jiġi interpretat fis-sens li qorti nazzjonali, li jkollha quddiemha tilwima dwar il-legalità ta' obbligu tariffarju impost mill-ARN għall-provvista tas-servizzi ta' terminazzjoni ta' telefonati fissi u ċellulari, tistax tevalwa l-proporzjonalità ta' dan l-obbligu fid-dawl tal-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 8 tad-Direttiva Kwadru kif ukoll fl-Artikolu 13 tad-Direttiva dwar l-Aċċess u tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li l-obbligu msemmi huwa intiż biex jippromwovi interessi tal-utenti finali f'suq bl-imnut li ma jistax jiġi rregolat.

45 F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju tistaqsi ruħha wkoll dwar il-punt jekk hija tistax teżiġi li ARN tipprova li l-obbligu msemmi effettivament jilħaq l-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 8 tad-Direttiva Kwadru.

46 Fir-rigward tal-ewwel parti tat-tieni domanda, għandu jiġi rrilevat li l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(1) tad-Direttiva Kwadru jipprovdi li l-ARN, fit-twettiq tal-kompiti regolatorji tagħhom speċifikati f'din id-direttiva kif ukoll fid-Direttivi Speċifiċi, u b'hekk b'mod partikolari fid-Direttiva dwar l-Aċċess, għandhom jieħdu l-miżuri kollha raġonevoli bil-għan tal-kisba tal-miri ddefiniti f'dan l-artikolu, li jikkonsistu fil-promozzjoni tal-kompetizzjoni fil-provvista tan-netwerks u tas-servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, sabiex jikkontribwixxu għall-iżvilupp tas-suq intern u sabiex jiġu sostnuti l-interessi taċ-ċittadini tal-Unjoni. Barra minn hekk, din id-dispożizzjoni tippreċiża li dawn il-miżuri għandhom ikunu proporzjonati għal dawn l-għanijiet.

47 B'hekk, skont l-Artikolu 1(1) u (2), id-Direttiva dwar l-Aċċess tinsab fi ħdan il-qafas stipulat fid-Direttiva Kwadru u tarmonizza l-mod li bih l-Istati Membri jirregolaw l-aċċess għan-networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u għal faċilitajiet assoċjati, kif ukoll l-interkonnessjoni tagħhom. L-għan tad-Direttiva dwar l-Aċċess huwa li jiġi stabbilit, għar-relazzjonijiet bejn il-fornituri tan-netwerks u tas-servizzi, qafas regolamentar li jiffavorixxi t-twaqqif ta' kompetizzjoni sostenibbli u li jiggarantixxi l-interoperabbiltà tas-servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi filwaqt li jibbenefika lill-konsumaturi, u dan konformement mal-prinċipji tas-suq intern. Din l-aħħar direttiva tiddefinixxi, b'mod partikolari, l-għanijiet mogħtija lill-ARN fir-rigward tal-aċċess u l-interkonnessjoni.

48 Fir-rigward tal-kundizzjonijiet li jippermettu lill-ARN li timponi fuq operatur identifikat bħala li għandu saħħa sinjifikanti f'suq ikkonċernat, obbligu tariffarju għall-provvista tas-servizzi ta' terminazzjoni ta' telefonati fissi u ċellulari, għandu jiġi osservat li l-Artikolu 8(4) tad-Direttiva dwar l-Aċċess jipprovdi li l-obbligi imposti mill-ARN, inklużi dawk previsti fl-Artikolu 13 ta' din id-direttiva, għandhom ikunu bbażati fuq in-natura tal-problema kkonstatata, proporzjonati u

ġġustifikati fid-dawl tal-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 8 tad-Direttiva Kwadru, u li jistgħu jiġu imposti biss wara l-konstatazzjoni msemmija fl-Artikoli 6 u 7 ta' din l-aħħar direttiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Settembru 2015, KPN, C-85/14, EU:C:2015:610, punt 47).

49 Skont l-Artikolu 13(2) tad-Direttiva dwar l-Aċċess, l-ARN għandhom jiżguraw, billi jeżerċitaw il-kompetenza stabbilita fil-paragrafu 1 tal-artikolu msemmi, li kull mekkaniżmu ta' rkupru tal-ispejjeż jew metodoloġija tal-iffissar tal-prezzijiet li jkun obbligatorju jservi biex jippromwovi l-effiċjenza ekonomika, biex jiffavorixxi kompetizzjoni sostenibbli u biex jimmassimizza l-benefiċċji għall-konsumatur. F'dan ir-rigward, l-ARN jistgħu wkoll jieħdu inkunsiderazzjoni l-prezzijiet fis-seħħ fis-swieq kompetittivi paragunabbli.

50 Minn dan jirriżulta li l-ARN, fl-adozzjoni ta' deċiżjoni li biha din timponi obbligi tariffarji fuq l-operaturi abbażi tal-Artikoli 8 u 13 tad-Direttiva dwar l-Aċċess, għandha tiżgura ruħha li dawn l-obbligi jissodisfaw l-għanijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 8 tad-Direttiva Kwadru u fl-Artikolu 13 tad-Direttiva dwar l-Aċċess. Bl-istess mod, fil-kuntest tal-istħarriġ ġudizzjarju ta' din id-deċiżjoni, qorti nazzjonali għandha tiżgura li l-ARN tosserva kull rekwiżit li jirriżulta mill-għanijiet imfittxija minn dawn l-aħħar żewġ artikoli.

51 Hekk kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 82 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-fatt li obbligu tariffarju jkun ibbażat fuq ir-Rakkomandazzjoni 2009/396 ma jċaħħadx lill-qorti nazzjonali mill-kompetenza tagħha li tikkontrolla l-proporzjonalità ta' dawn l-obbligi mal-għanijiet imfittxija mill-Artikolu 8 tad-Direttiva Kwadru u mill-Artikolu 13 tad-Direttiva dwar l-Aċċess.

52 Għaldaqstant, fil-kuntest tal-istħarriġ tagħha, qorti nazzjonali adita b'rikors kontra deċiżjoni tal-ARN li tapplika l-mudell "Bulric strett" li jingħata preċedenza mir-Rakkomandazzjoni 2009/396, bħal fil-kawża prinċipali, tista' tivverifika, bl-applikazzjoni tar-regoli proċedurali nazzjonali, jekk ir-rikorrenti ppreżentawx provi biżżejjed biex jipprovaw li l-applikazzjoni ta' dan il-mudell ma hijiex proporzjonata fir-rigward tal-għanijiet imfittxija mill-Artikolu 8 tad-Direttiva Kwadru u mill-Artikolu 13 tad-Direttiva dwar l-Aċċess, fid-dawl, jekk ikun il-każ, tal-karatteristiċi partikolari tas-suq ikkonċernat.

53 Barra minn hekk, minn qari tal-Artikolu 8(2)(a) u (4) tad-Direttiva Kwadru kif ukoll tal-Artikolu 1(1) u tal-Artikolu 8(4) tad-Direttiva dwar l-Aċċess ikkunsidrati flimkien, fejn dan l-aħħar artikolu jirreferi għall-Artikolu 8 tad-Direttiva Kwadru, jirriżulta li l-ARN għandhom, billi jippromwovu l-kompetizzjoni, iħarsu li l-utenti finali u l-konsumaturi jieħdu benefiċċju massimu, b'mod partikolari f'termini ta' għażla u ta' prezz, u li jħarsu l-interessi taċ-ċittadini tal-Unjoni. Barra minn hekk, meta dawn l-awtoritajiet jimponu mekkaniżmi ta' rkupru tal-ispejjeż, skont l-Artikolu (2) tad-Direttiva dwar l-Aċċess, għandhom b'mod partikolari jaraw li dan il-mekkaniżmu jottimizza l-vantaġġi għall-konsumatur.

54 Isegwi li l-ARN għandha, fil-kuntest tal-proċedura ta' adozzjoni ta' deċiżjoni f'ċirkustanzi bħal dawk tal-kawża prinċipali, tieħu inkunsiderazzjoni l-interessi tal-utenti finali u tal-konsumaturi, indipendentement mis-suq li fih huma imposti l-obbligi leġiżlattivi. Barra minn hekk, sa fejn, bħala definizzjoni, l-utenti finali u l-konsumaturi ma humiex preżenti fis-swieq bl-ingrossa tas-servizzi ta' terminazzjoni ta' telefonati fissi u ċellulari, huwa essenzjali li l-interessi tagħhom ikunu jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni u evalwati fil-kuntest tal-eżami tal-effett li huwa maħsub li jinkiseb fis-suq bl-imnut permezz tal-obbligu tariffarju impost mill-ARN fis-suq bl-ingrossa.

55 Konsegwentement, qorti nazzjonali tista' teżamina, fil-kuntest tal-istħarriġ tal-proporzjonalità ta' obbligu tariffarju impost mill-ARN fir-rigward tal-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 8 tad-Direttiva Kwadru u fl-Artikolu 13 tad-Direttiva dwar l-Aċċess, jekk dan l-obbligu impost fuq is-swieq bl-ingrossa ta' terminazzjoni ta' telefonati fissi u ċellulari huwiex intiż ukoll biex jippromwovi l-interessi tal-utenti finali f'suq bl-imnut li ma jistax jiġi rregolat.

56 Fir-rigward tat-tieni parti tat-tieni domanda, li tirrigwarda l-punt jekk qorti nazzjonali tistax teżiġi li l-ARN tipprova li l-obbligu msemmi effettivament iwettaq l-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 8 tad-Direttiva Kwadru, għandu jitfakkar li din id-dispożizzjoni tipprovdi li l-ARN, fit-twettiq tal-kompiti regolamentari tagħhom speċifikati f'din id-direttiva kif ukoll, b'mod partikolari, fid-Direttiva dwar l-Aċċess, għandhom jieħdu l-miżuri kollha raġonevoli u proporzjonati bil-għan tal-kisba tal-miri ddefiniti fid-dispożizzjoni msemmija, li jikkonsistu fil-promozzjoni tal-kompetizzjoni, fil-provvista tan-netwerks u tas-servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, fil-kontribuzzjoni għall-iżvilupp tas-suq intern u fis-sostenn tal-interessi taċ-ċittadini tal-Unjoni.

57 Sabiex jitwettqu l-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 8 tad-Direttiva Kwadru, l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva dwar l-Aċċess jippreċiża li l-ARN għandhom, b'mod partikolari, iwettqu l-kompiti tagħhom b'mod li jippromwovu l-effiċjenza ekonomika, jiffavorixxu kompetizzjoni sostenibbli, jinkoraġġixxu l-investimenti effikaċi u l-innovazzjoni u jagħtu l-benefiċċju massimu lill-utent finali.

58 L-obbligi tariffarji li jistgħu jimponu l-ARN, fosthom l-obbligi tariffarji bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għandhom għaldaqstant ikunu intiżi għat-twettiq tal-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 8 tad-Direttiva Kwadru. Min-naħa l-oħra, hekk kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punti 96 u 97 tal-konklużjonijiet tiegħu, ma jistax ikun meħtieġ li ARN tipprova li dawn l-obbligi jilħqu realment dawn l-għanijiet.

59 L-impożizzjoni ta' tali oneru ta' prova fuq ARN effettivament tinjora l-fatt li l-adozzjoni ta' obbligi regolamentari hija bbażata fuq analiżi prospettiva tal-evoluzzjoni tas-suq, li tieħu bħala riferiment, sabiex tirrimedja l-problemi ta' kompetizzjoni kkonstatati, l-aġir u/jew l-ispejjeż ta' operatur effiċjenti. Għaldaqstant, fir-rigward tal-miżuri diretti lejn il-futur, il-prova li huma effettivament iwettqu l-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 8 tad-Direttiva Kwadru hija impossibbli jew eċċessivament diffiċli li tingħata.

60 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha msemmija iktar 'il fuq, ir-risposta għat-tieni domanda għandha tkun li d-dritt tal-Unjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li qorti nazzjonali, li jkollha quddiemha tilwima dwar il-legalità ta' obbligu tariffarju impost mill-ARN għall-provvista tas-servizzi ta' terminazzjoni ta' telefonati fissi u ċellulari, tista' tevalwa l-proporzjonalità ta' dan l-obbligu fid-dawl tal-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 8 tad-Direttiva Kwadru kif ukoll fl-Artikolu 13 tad-Direttiva dwar l-Aċċess u tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li l-obbligu msemmi huwa intiż biex jippromwovi l-interessi tal-utenti finali f'suq bl-imnut li ma jistax jiġi rregolat.

61 Qorti nazzjonali ma tistax, meta teżerċita stħarriġ ġudizzjarju ta' deċiżjoni tal-ARN, teżiġi li din l-awtorità tipprova li l-obbligu msemmi effettivament jilħaq l-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 8 tad-Direttiva Kwadru.

## Fuq l-ispejjeż

62 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla), taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Marzu 2002, dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva Kwadru), kif emendata bid-Direttiva 2009/140/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Novembru 2009, moqri flimkien mal-Artikoli 8 u 13 tad-Direttiva 2002/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-**

**7 ta' Marzu 2002, dwar l-aċċess għal, u l-interkonnessjoni ta', networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u faċilitajiet assoċjati (Direttiva tal-Aċċess), kif emendata bid-Direttiva 2009/140, għandu jiġi interpretat fis-sens li qorti nazzjonali, li quddiemha titressaq kawża dwar il-legalità ta' obbligu tariffarju impost mill-awtorità regolamentari nazzjonali għall-provvista tas-servizzi ta' terminazzjoni ta' telefonati fissi u ċellulari, tista' biss tinjora r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2009/396/KE, tas-7 ta' Mejju 2009, dwar it-Trattament Regolatorju tar-Rati ta' Terminazzjoni ta' Telefonati Fissi u Ċellulari fl-UE li tagħti preċedenza lill-mudell ta' kalkolu tal-ispejjeż imsejjaħ "Bulric strett" (*Bottom-Up Long-Run Incremental Costs*) bħala miżura xierqa għar-regolamentazzjoni tal-prezzijiet fis-suq tat-terminazzjoni tat-telefonati jekk din tqis li motivi marbuta maċ-ċirkustanzi tal-każ, b'mod partikolari mal-karatteristiċi speċifiċi tas-suq tal-Istat Membru inkwistjoni, jeħtieġu dan.**

2) **Id-dritt tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi interpretat fis-sens li qorti nazzjonali, li jkollha quddiemha tilwima dwar il-legalità ta' obbligu tariffarju impost mill-awtorità regolamentari nazzjonali għall-provvista tas-servizzi ta' terminazzjoni ta' telefonati fissi u ċellulari, tista' tevalwa l-proporzjonalità ta' dan l-obbligu fid-dawl tal-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2002/21, kif emendata bid-Direttiva 2009/140, kif ukoll fl-Artikolu 13 tad-Direttiva 2002/19, kif emendata bid-Direttiva 2009/140, u tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li l-obbligu msemmi huwa intiż biex jippromwovi interessi tal-utenti finali f'suq bl-imnut li ma jistax jiġi rregolat.**

**Qorti nazzjonali ma tistax, meta teżerċita stħarriġ ġudizzjarju ta' deċiżjoni tal-awtorità regolamentari nazzjonali, teżiġi li din l-awtorità tipprova li l-obbligu msemmi effettivament jilħaq l-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2002/21, kif emendata bid-Direttiva 2009/140.**

Firem